MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 15 ta' Jannar 2016

# Tkabbir fis-settur tat-telefonija mobbli u tal-broadband fit-tielet kwart tal-2015

**L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tippubblika reviżjoni ta' rapport li fih ikopri statistika fuq is-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tal-posta**

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), illum ippubblikat rapport li fih ikopri numru ta' indikaturi sal-aħħar tat-tielet kwart tas-sena 2015 fir-rigward ta' numru ta' servizzi fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika kif ukoll tal-posta. Dan ir-rapport huwa mfassal fuq informazzjoni li jissottomettu l-operaturilokali. B'mod ġenerali, is-swieq f'dawn l-oqsma rreġistraw żvilupp pożittiv meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2014. Żviluppi bħal dawn ikomplu jsaħħu l-importanza ta' dawn is-swieq għall-ekonomija Maltija. Li ġej huwa sinteżi tal-iżviluppi prinċipali.

## Telefonija mobbli

Dan is-settur kompla jagħti xejra pożittiva hekk kif l-ammont ta' abbonamenti kif ukoll in-numru ta' telefonati u minuti kkonsmati, kompla jikber. Sal-aħħar ta' Settembru 2015, l-ammont ta' abbonamenti laħaq l-567,607. Din il-figura taqbeż dik tal-popolazzjoni Maltija, li jfisser li hemm 1.3 abbonament għal kull persuna f'Malta u Għawdex. In-numru ta' telefonati mobbli kiber b'5% (jew 6.7 miljun) filwaqt li n-numru ta' minuti kkonsmati kiber b'9.4% (żieda ta' 17.1 miljun). Dan juri b'mod ċar, li l-utenti Maltin mhux biss qed jagħmlu aktar telefonati, iżda dawn it-telefonati qed ikunu dejjem aktar fit-tul. F'kuntrast ma' dan, in-numru ta' SMSs li ntbagħtu fit-tielet kwart ta' l-2015 niżel b'7.5% (nuqqas ta' 9.5 miljun) meta mqabbla mal-istess perjodu ta' l-2014. Meta tikkonsidra iċ-ċaqlieq fin-numru ta' SMSs, telefonati u minuti kkonsmati, huwa evidenti li l-utenti Maltin qiegħdin aktar u aktar jirrikorru għat-telefonija minflok jibagħtu messaġġi. Dan jista' jkun riżultat ta' tnaqqis fil-prezzijiet ta' dawn is-servizzi, jew inkella offerti aktar vantaġġjużi minn naħa tal-fornituri, bħal per eżempju numru ta' minuti b'xejn fix-xahar. Fil-fatt, żvilupp ieħor pożittiv huwa fl-ammont ta' abbonamenti *post-paid* li żdiedu b'10%, filwaqt li l-ammont ta'abbonamenti *pre-paid* naqsu b'2%.

| | |
|---|---|
| **Numru ta' abbonamenti għal servizzi tat-telefonija mobbli** | ↑ 0.8% - Illum-il ġurnata hawn 1.3 abbonament għal kull persuna f'Malta u Għawdex |
| **Numru ta' abbonamenti post-paid** | ↑ 10% |
| **Numru ta' abbonamenti pre-paid** | ↓ 2% - Dan in-nuqqas huwa indikazzjoni li aktar utenti qiegħdin jagħżlu abbonamenti *post-paid* biex jibbenefikaw minn minuti u *data* b'xejn fix-xahar |
| **Numru ta' telefonati mobbli** | ↑ 5% - żieda ta' madwar 24,542 telefonata kuljum |
| **Numru ta' minuti kkonsmati** | ↑ 9.4% - żieda ta' madwar 62,637 minuta kuljum |

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

**Telefonija fissa**

Iż-żieda sostanzjali fil-popolarità tas-servizzi tat-telefonija mobbli ħalla impatt fuq is-settur tat-telefonija fissa, fejn kemm in-numru ta' abbonamenti kif ukoll fil-volum tal-użu tas-servizzi naqas. L-abbonamenti naqsu b'1.5%. In-numru ta' telefonati naqas b'5% (nuqqas ta' 2 miljuni) u l-ammont ta' minuti kkonsmati naqas b'4.2% (nuqqas ta' 6 miljuni). Minkejja dan in-nuqqas, is-servizz tat-telefonija tradizzjonali għadu meqjus bħala servizz utli fid-djar u n-negozji Maltin.

| | |
|---|---|
| **Numru ta' abbonamenti għal servizzi tat-telefonija fissa** | ↓ 1.5% |
| **Numru ta' telefonati fissi** | ↓ 5% - Dan in-nuqqas huwa riżultat ta' żieda fit-telefonija mobbli |
| **Numru ta' minuti kkonsmati** | ↓ 4.2% - Dan in-nuqqas huwa riżultat ta' żieda fit-telefonija mobbli |

***Broadband*** **b'aċċess fiss**

Dan is-settur kompla jiżviluppa b'pass mgħaġġel fejn ġie rreġistrat żieda f'numru ta' indikaturi. In-numru ta' abbonamenti għal servizzi tal-*broadband*, partikolarment dawk b'veloċità għolja, kompla jiżdied b'mod qawwi. L-ammont totali ta' abbonamenti żied b'6.7% minħabba żieda sostanzjali fid-domanda għal servizzi b'veloċità ta' *30Mbps* jew aktar. Żidiet fl-abbonamenti għal servizzi b'veloċità għolja għamel tajjeb għan-nuqqas irreġistrat ta' 7.3% fin-numru ta' abbonamenti għal servizzi b'veloċità ta' *30Mbps* jew inqas. Filfatt, l-ammont ta' abbonamenti għal servizzi b'veloċità bejn *30Mbps* u *100Mbps* żied b'17.9% (żieda ta' 14,228 abbonament) però l-aktar żieda irreġistrata kien fl-abbonamenti għal servizzi b'veloċità ta' aktar minn *100Mbps* li żdiedu b'109.6% minn 1,056 l-abbonament fl-aħħar ta' Settembru tal-2014 għal 2,231 l-abbonament fl-aħħar tal-2015.

| | |
|---|---|
| **Ammont totali ta' abbonamenti għal servizzi tal-*broadband*** | ↑ 6.7% |
| **Abbonamenti għal servizzi tal-*broadband* b'veloċità ta' inqas minn *30 Mbps*** | ↓ 7.3% - Riżultat ta' ċaqlieq fin-numru ta' abbonamenti li għażlu pakketti ta' servizzi tal-*broadband* b'veloċitajiet aktar għolja. |
| **Abbonamenti għal servizzi tal-*broadband* b'veloċità ta' bejn *30 Mbps* u *100 Mbps*** | ↑ 17.9% |
| **Abbonamenti għal servizzi tal-*broadband* b'veloċità ta' aktar minn *100 Mbps*** | ↑ 109.6% |

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

### Servizz tat-televiżjoni b'aċċess imħallas fix-xahar

Filwaqt li l-ammont ta' abbonamenti għal dawn is-servizzi naqas b'1,039 meta mqabbla mat-tielet kwart tal-2014, ta' min jgħid li 800 minn dawn (kważi 77% tat-total) huwa kaġun ta' twaqqif tas-servizz *analogue*. L-ammont totali ta' abbonamenti għas-servizz tat-televiżjoni diġitali naqas b'mod marġinali minħabba l-fatt li żieda qawwija fl-abbonamenti għal servizzi IPTV għamel tajjeb għat-tnaqqis fl-abbonamenti għal servizzi *digital cable* u DTTV. Infatti, l-abbonamenti għal servizzi IPTV żdiedu b'65% u laħqu l-17,532 sal-aħħar ta' Settembru tal-2015.

| | |
|---|---|
| **Abbonamenti għal servizzi *analogue*** | ↓ 11.3% - minħabba li dawn is-servizzi m'għadhomx jiġu offruti u abbonati ġodda qegħdin jagħżlu servizzi diġitali. |
| **Abbonamenti għal servizzi tal-IPTV** | ↑ 65% - Din iż-żieda għamlet tajjeb għan-nuqqas fl-abbonamenti għal servizzi oħrajn. |

### Servizzi postali

Filwaqt li l-volum totali ta' artikli tal-posta naqas b'2.2% sal-aħħar ta' Settembru 2015, importanti li ngħarfu l-effett pożittiv li ħalla l-kummerċ elettroniku fuq is-settur tal-posta. Attività qawwija fil-qasam tal-kummerċ elettroniku wassal għal żieda sostanzjali ta' 30.5% (żieda ta' 28,280) fil-volum ta' pakketti li tqassmu f'dan il-perjodu. Però, din iż-żieda ma kinitx biżżejjed biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis f'oqsma oħra tal-posta.

| | |
|---|---|
| **Volum totali** | ↓ 2.2% |
| **Volum ta' pakketti** | ↑ 30.5% - riżultat ta' spinta fil-kummerċ elettroniku |

### <u>Notamenti</u>

Flimkien ma' din l-istqarrija, l-Awtorità qiegħda tippubblika dik li tissejjaħ *Data Report Sheet* (DRS), li tinkludi fiha firxa iktar wiesgħa ta' indikaturi għas-setturi msemmija hawn fuq. Din id-DRS tagħti ħarsa lejn statistika miġbura mill-2011 'l quddiem, abbażi ta' kull kwart tas-sena, jiġifieri mill-ewwel kwart sar-raba' kwart ta' kull sena indikata.

L-Awtorità tinnota li l-istatistika maħruġa permezz ta' din is-serje ta' pubblikazzjonijiet tinġabar b'mod regolari mingħand l-operaturi lokali abbażi ta' kull kwart tas-sena. Kull statistika hija proviżorja u tista' tinbidel fl-aġġornamenti maħsuba għax-xhur li ġejjin. Għal iktar informazzjoni fuq l-istatistika ppubblikata hawnhekk, nistiednuk ukoll tidħol fis-sit elettroniku tal-MCA indikat www.mca.org.mt/market-overview

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840